

3. tikkundanna lill-Kummissjoni, u lil kull intervenjent li jista' jiġi awtorizzat jappoġġja lill-Kummissjoni matul il-proċeduri, għall-ispejjeż ta' dawk il-proċeduri.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors, ir-rikorrenti tinvoka motiv wieħed.

Il-Kummissjoni kisret l-Artikolu 8(1), (9) u (10), u l-Artikolu 10(5) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea ⁽¹⁾, u l-Artikolu 13(1), (9) u (10), u l-Artikolu 16(5) tar-Regolament (UE) 2016/1037 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Unjoni Ewropea ⁽²⁾, meta hija invalidat fatturi tal-impenn u sussegwentement ordnat lid-dwana sabiex tiġbor id-dazji, daqs li kieku ebda fattura tal-impenn valida ma kienet inħarġet u ġiet ikkomunikata lid-dwana fil-mument li fiha l-oġġetti ġew iddikjarati għar-rilaxx fiċ-ċirkulazzjoni libera.

Dan il-motiv huwa bbażat fuq l-illegalità tal-Artikolu 3(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1238/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jimponi dazju antidumping definittiv u li jiġbor definittivament id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' moduli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin u komponenti ewlenin (jiġifieri ċelloli) li joriġinaw fi jew li huma kkonsinjati mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina ⁽³⁾, u l-Artikolu 2(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1239/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jimponi dazju kumpensatorju definittiv fuq importazzjonijiet ta' moduli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin u komponenti ewlenin (jiġifieri ċelloli) li joriġinaw jew li huma kkunsinnati mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina ⁽⁴⁾, li jagħtu lill-Kummissjoni s-setgħa li tiddikjara fatturi tal-impenn invalidi.

⁽¹⁾ ĠU 2013 L 176, p. 21.

⁽²⁾ ĠU 2016 L 176, p. 55.

⁽³⁾ ĠU 2013 L 325, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU 2013 L 325, p. 66.

Rikors ippreżentat fl-1 ta' Diċembru 2017 – GE Healthcare vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-783/17)

(2018/C 042/48)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: GE Healthcare A/S (Oslo, in-Norveġja) (rappreżentanti: D. Scannell, Barrister, G. Castle and S. Oryszczuk, Solicitors)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2017) 7941 finali tat-23 ta' Novembru 2017 li tissospendi l-awtorizzazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni tar-rikorrenti għal Omniscan (INN gadodiamide);
- tordna lill-konvenuta tħallas l-ispejjeż legali u spejjeż oħra tar-rikorrenti marbuta ma' din il-kwistjoni.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka ħames motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq l-allegazzjoni li d-deċiżjoni tikser l-Artikolu 116 tad-Direttiva 2001/83/KE ⁽¹⁾.
2. It-tieni motiv ibbażat fuq l-allegazzjoni li d-deċiżjoni kkontestata tikser il-prinċipju ta' prekawzjoni.

3. It-tielet motiv ibbażat fuq l-allegazzjoni li d-deċiżjoni kkontestata tikser il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni.
4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq l-allegazzjoni li d-deċiżjoni kkontestata hija fi kwalunkwe każ sproporzjonata.
5. Il-ħames motiv ibbażat fuq l-allegazzjoni li d-deċiżjoni kkontestata tikser il-prinċipju ġenerali ta' amministrazzjoni tajba.

⁽¹⁾ Direttiva 2001/83/KEE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 27, p. 69).

Rikors ippreżentat fl-4 ta' Diċembru 2017 – BTC vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-786/17)

(2018/C 042/49)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: BTC GmbH (Bolzano, l-Italja) (rappreżentanti: L. von Lutterotti u A. Frei, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla l-miżura tal-Kummissjoni Ewropea relatata mal-irkupru parzjali tal-finanzi allokat taħt ir-referenza Ares(2017) 4709558, tas-27 ta' Settembru 2017, kif ukoll in-nota ta' debitu korrispondenti (*Nota di Addebito*) Nru 3241712708, tat-2 ta' Ottubru 2017, it-tnejn li huma nnotifikati permezz ta' messaggġ elettroniku tal-4 ta' Ottubru 2017 fuq l-indirizz info@btc-srl.com, kif ukoll kwalunkwe att ġuridiku ieħor (anki dawk li ma humiex magħrufa), li ppreċedew l-imsemmija żewġ dokumenti, li huma relatati magħhom jew li huma intiżi għall-eżekuzzjoni tagħhom;
- sussidjarjament, tikkonstata, fil-kuntest ta' arbitraġġ skont l-Artikolu 272 TFUE u l-Artikolu 5(2) tal-Ftehim ta' Finanzjament Nru C046311, tad-29 ta' Ġunju 2007, li l-ammont li l-Kummissjoni titlob mingħand ir-rikorrenti fin-nota ta' debitu (*Nota di Addebito*) Nru 3241712708, tat-2 ta' Ottubru 2017, ma huwiex dovut minn din tal-aħħar u, konsewwentement, li r-rikorrenti tista' żżomm tali ammont;
- iktar sussidjarjament, tikkonstata, ukoll fil-kuntest ta' arbitraġġ skont l-Artikolu 272 TFUE u l-Artikolu 5(2) tal-Ftehim ta' Finanzjament Nru C046311, tad-29 ta' Ġunju 2007, u biss fil-każ li r-rikorrenti tkun debitori ta' kwalunkwe somma fir-rigward tal-Komunità Ewropea abbażi tal-Ftehim ta' Finanzjament Nru C046311, tad-29 ta' Ġunju 2007, li s-somma dovuta mir-rikorrenti hija inqas minn dik indikata mill-Kummissjoni Ewropea fin-nota ta' debitu Nru 3241712708, tat-2 ta' Ottubru 2017;
- f'kull każ, tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż konformement mal-Artikolu 134 tar-Regoli tal-Proċedura, abbażi tal-parametri ta' insolvenza Taljani għall-avukati, konformement mad-digriet tal-Ministeru tal-Ġustizzja Taljan Nru 55/2014, liema spejjeż ġew evalwati għal EUR 30 000, flimkien ma' 15 % għar-rimbors fil-forma ta' somma f'daqqa skont l-Artikolu 15 tal-Ministeru tal-Ġustizzja Taljan Nru 55/2014, ma' 4 % bħala kontribuzzjoni statutorja għall-fond tal-avukati, kif ukoll ma' 22 % bħala l-VAT sa fejn tkun dovuta, bla ħsara għal ċifra sussegwenti iktar preċiża relatata mal-ispejjeż li għandha tiġi kkalkolata matul il-proċeduri.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka seba' motivi.

1. L-ewwel motiv: invalidità tal-miżura kkontestata minħabba l-perijodu ta' preskrizzjoni skont ir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2988/95 ⁽¹⁾